# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 135/20 TA**

**Joseph Giuliano [I.D. 0118167M] u**
**Randolph Giuliano [I.D. 0296471M]**

**vs**

**Darren Falzon [I.D. 146179M]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Giuliano u Randolph Giuliano tat-28 ta' Jannar 2020;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar 2020;

Rat ir-risposta ta' Darren Falzon;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda ta' Randolph Giuliano fis-seduta tal-11 ta' Frar 2020;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatti billi aċċediet fuq is-siti tal-partijiet nhar is-17 ta' Frar 2020;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Kunsiderazzjonijiet**

Qabel xejn il-Qorti tfakkar liema huma l-elementi prinċipali sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni. Jibda biex jingħad li biex jiġi rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-**digriet finali fl-ismijiet Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et , PA tat-13 ta' Mejju, 2014**:

"*Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.*"

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent

u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe (Rikors Numru 3135/94)** tispjega:

*"… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …*".

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati taghna fosthom fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 3984/92) u Victor Mizzi vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet Perit John Gambina vs Fithome Limited.**

Irid ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, il-**Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfré** sostniet is-segwenti:

*"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

**1.** Fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali, il-Qorti eżaminat b'reqqa d-dokumenti kollha esebiti u l-provi mressqa. Il-Qorti kellha ukoll l-opportunita' li taċċedi fuq is-siti taż-żewg partijiet. Waqt l-aċċess, il-Qorti fehmet, li r-rikorrenti qegħdin prinċipalment jilmentaw fuq dik il-parti li tiġi fuq in-naħa ta' wara tas-sit tal-intimat li sal-lum għadha ma tħammlitx. Parti minnha tidher f'wieħed mir-ritratti, u ċioe' dak li qiegħed fuq in-naħa tax-xellug tad-dokument (a' fol 13 ). Il-Qorti setgħet tikkonstata li l-materjal li hemm huwa materjal li ma hux blat u għad ma hemmx ċertezza dwar jekk hemmx blat. Di piu' din hija akkwata li tista' tiġi deskritta bħala *flood area* ghax propju tinsab fil-wied ta' Ħal-Qormi.

**2.** Il-Qorti eżaminat il-*method of statement for excavation works* presentat mar-risposta tal-intimat (a' fol 34). Il-perit tar-rikorrenti jaqbel ma dan il-*method of statement* (a' fol 34). Waqt l-aċċess lil din il-Qorti rriżultalha, li jekk l-intimat joqgħod ma' dan l-*istatement* dwar xogħolijiet li għandhom isiru minn paragrafu 4 A sa E, il-jeddijiet tar-rikorrenti jkunu mħarsa (ara a' fol 35). Dan dejjem qed jingħad kwantu jirrigwarda u limitatament għal dik il-parti tal-art fis-sit li qegħda fuq in-naħa ta' wara u li għadha mhux imħammla, proprjeta' tal-intimat.

Għalhekk il-Qorti ssib li t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati inkwantu jirrisulta li għandhom *" prima facie"* jedd xi jħarsu fir-rigward pero' għal dik il-parti ta' art fis-sit tal-intimat li tinsab fuq wara li għadha mhux imħammla u dan sakemm l-intimat ma jimxix ma' dik il-parti tal-*iStatement of Excavations Works* kif spjegat aktar 'l fuq.

Għaldaqstant, din il-Qorti qegħdha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti biss u limitatament għal dik il-parti ta' propjeta' li tinsab fuq il-parti ta' wara fis-sit tal-intimat u li sal-lum għadha ma hiex imħammla, u dan sakemm l-intimat ma jimxix ma' dik il-parti tal-*iStatement of Excavations of Works* kif spjegat fil-paragrafu enumerat bin-numru 2 aktar 'l fuq.

Il-Qorti qegħdha ukoll tikkonferma l-ordni provvisorja tagħha pero' tvarjaha bil-mod kif spjegat fil-paragrafu ta' qabel dan.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tal-intimat.

**Mogħti kameralment illum 21 ta' Frar, 2020**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**